# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

### IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

### LAQGĦA NUMRU 36

1 ta' Lulju 2021

Is-sitta u tletin (36) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis l-1 ta' Lulju 2021 fis-1.30pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sinjorina Gail Demanuele | ( GD ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Aġent Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

36.1 **QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI**

36.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

36.2 **KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

36.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-ħamsa u tletin (35) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

36.2.2. Il-Kunsillier JAE ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 35.5.1 li għandha taqra "Pjazza Robert Samut u quddiem il-Knisja". Il-Kunsill approva din il-korrezzjoni.

36.2.3. Il-Kunsilliera JP ressqet il-korrezzjoni ta' materja nru 35.9.1 li għandha taqra "il-Viċi Sindku GD u l-Kunsilliera JP". Il-Kunsill ma approvax din il-korrezzjoni.

36.2.4. Il-Kunsillier VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, GD, JP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

36.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.2.4 rigward l-isleeping policeman fit-Telgħa tal-Kurċifiss u Triq San Franġisk. Is-Sindku DSH wieġbet li sa dakinhar kien għad ma kienx hemm risposta.

36.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.2.5 rigward il-konsultazzjoni tat-tankijiet taż-żejt fil-Marsa. Is-Sindku qalet li ma hemmx tweġiba għax l-environmental impact assessment jieħu ż-żmien biex isir.

36.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.2.6 rigward it-tabella u l-istop sign fi Triq San Tumas, u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. L-ASE qal li t-tabella kienet ordnata u għandha titwaħħal mil-ħaddiem tal-Kunsill appena tasal. Fir-rigward tal-istop sign, huwa nforma li l-Kunsill ma kellux stencils kbar biżżejjed u għalhekk kien qed jistenna li dawn jaslu qabel ma tkun tista' ssir l-istop sign.

36.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.5.1 u staqsa dwar il pjanti li kellhom jitħawwlu quddiem il-Knisja. Is-Sindku qalet li fi Pjazza Robert Samut, hemm persuna li qed tiddedika l-ħin biex tieħu ħsieb il-pjanti hija stess. Hija qalet li kienet tkellmet mal-kuntrattur biex kemm jista' jkun jitħawwlu siġar li jibqgħu fit-tul u jifilħu għall-elementi. Hija qalet li l-kuntrattur kien taha l-parir li l-ħamrija li hemm fil-pots eżistenti tiġi mħallta bil-pid sabiex il-pjanti jkunu jistgħu idumu aktar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

35.2.8.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-persuna li ssemmiet li kienet qed tieħu ħsieb il-pjanti fi Pjazza Robert Samut u staqsa jekk il-Kunsill jistax jistedinha għall-attività tal-premjijiet u jirrikonoxxiha b'xi mod għall-kontribut tagħha. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jagħti rikonoxximent lil din il-persuna.

36.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 35.5.1 rigward il-leaflets tal-Pulizija u staqsa meta kienu ser jitqassmu. L-ASE wieġeb li l-leaflets kienu qed jiġu stampati u għandhom jitqassmu appena jaslu.

## 36.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

36.3.1. Is-Sindku DSH ressqet talba mingħand impjegata tal-Kunsill li talbet estensjoni tal-kuntratt tat-telework. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

36.3.2. Is-Sindku ressqet suġġeriment biex jerġgħu jitwaħħlu ż-żewġ bankijiet li kien hemm taħt l-iSptar Sir Paul Boffa. Is-Sindku qalet li dawn il-bankijiet kienu nqalgħu meta sar ir-restawr tas-swar. Hija pproponiet li jinxtraw żewġ bankijiet u jerġgħu jitwaħħlu.

35.3.2.1. Il-Kunsillier JAE qal li hu ma jsibx oġġezzjoni li jerġgħu jitwaħħlu biss staqsa jekk il-Kunsill għandux jassorbi din l-ispiża hu ladarba dawn il-bankijiet ma kienux inqalgħu minnu.

35.3.2.2. Is-Sindku wieġbet li l-Kunsill kien kitbilhom kemm-il darba iżda qatt ma kien hemm qbil u nnegaw li dawn inqalgħu. Għalhekk il-Kunsill qabel li jixtri u jwaħħal dawn il-bankijiet hu sabiex din il-materja tkun finalment konkluża.

36.3.3. Is-Sindku għamlet riferenza għat-talba mingħand l-MTA li kienet ġiet diskussa fil-ġimgħat li għaddew sabiex jiġu mblukkati xi dati biex jiġu organizzati xi attivitajiet fuq il-Fosos. Is-Sindku semmiet ukoll li se jkun hemm il-kunċert ta' Joseph Calleja, u l-BBC Orchestra. Ovvjament dawn l-attivitajiet ser isiru skont il-protokolli kollha tas-saħħa u bir-restrizzjonijiet kollha relatati mal-pandemija kif ikunu fis-seħħ dakinhar.

35.3.3.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Partit Nazzjonalista sabiex jorganizza l-attivitajiet tal-Indipendenza f'Settembru.

35.3.3.2. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Partit Nazzjonalista fejn informathom li kien hemm diġà talba mil-MTA li kienet ġiet approvata preċedentement. Hija qalet li tinsab infurmata li l-organizzaturi kienu qegħdin jitkellmu bejniethom biex jintlaħaq ftehim ta' kif ser jitqassmu l-attivitajiet.

35.3.3.3. Is-Sindku qalet li ladarba l-Kunsill kien diġà approva t-talba tal-MTA ma setax imur lura minn kelmtu ladarba dawn kienu għamlu t-talba l-ewwel. Il-Kunsill qabel u ttama li jintlaħaq kompromess bejn l-organizzaturi.

36.3.4. Is-Sindku ressqet talba sabiex issir cat café ħdejn l-ex Alliance Francaise u dan sabiex il-qtates ma jibqgħux jiġu mitmugħa ħdejn il-bibien tan-nies. Is-Sindku nformat ukoll li l-

Community Police kienu nformawha li kienet għaddejja ħidma biex il-qtates jiġu rilokati minn hemmhekk għal fejn hemm iktar konċentrazzjoni ta' qtates. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li jippreferi li l-qtates jiġu rilokati minħabba li cat café f'din iż-żona kien ser joħloq problemi ulterjuri speċjalment ladarba din kien ser ikollha titpoġġa fuq il-bankina.

**Nota: 14:02 Is-Sindku skużat ruħha minħabba kunflitt t'interess.**

36.3.5. Il-Viċi Sindku GD ressqet korrispondenza rigward it-Tonna Trophy 2021 fejn il-polza tal-vot tikkonsisti minn tliet persuni / entitajiet. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel fuq vot li ntbagħat lil Fsobians Club hekk kif indikat minnhom.

**Nota: 14:20 Is-Sindku reġgħet attendiet għal-laqgħa.**

36.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Nursery fejn informaw li ser ikunu qed jorganizzaw Summer League u offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza l-attività konġuntament magħhom. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ammont ma jeċċedix €450.

## 36.4 RAPPORTI

36.4.1. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien attenda għal attività qasira li kienet tikkonsisti fi tqegħid tal-fjuri quddiem il-monument ta' Dante Alighieri. Huwa nforma li kien ġie nfurmat li dan il-monument kien ikkunsidrat bħala wieħed mill-isbaħ monumenti tal-awtur, il-bogħod minn xtuthom. Il-Kunsill innota dan bi pjaċir.

36.4.2. Is-Sindku DSH informat li kienet ġiet avviċinata mill-Ambaxxatur Taljan dwar xi punti.

35.4.2.1. Hija qalet li fir-rigward tal-bankina li hemm quddiem l-Ambaxxata, kien hemm konferma mir-Reġjun Xlokk li l-Kunsill kien ser jiġi assenjat xi ħaddiema sabiex issir din il-bankina u l-bankina ta' ħdejn l-Awtorità tad-Djar.

35.4.2.2. Is-Sindku qalet li l-Ambaxxatur kien kellimha wkoll dwar il-possibbiltà li jiġi mistieden is-Sindku ta' Macerata sabiex tiġi diskussa r-relazzjoni ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet. Hija qalet li għandha tinforma lill-Kunsill appena jkollha iktar informazzjoni dwar dan.

## 36.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

36.5.1. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għar-rampa u l-kaxxa s-safra li kien hemm fi Triq il-Mall, faċċata ta' Triq il-Konservatorju. Huwa qal li issa li ngħata t-tarmak, jidher li r-rampa tneħħiet u anke l-kaxxa s-safra.

35.5.1.1. Is-Sindku qalet li għandha konferma mingħand il-Perit li Ġnien il-Mall kien ser ikollu l-aċċessibbiltà neċessarja. Hija qalet li xi ftit tal-ġimgħat qabel kienet iċċirkolat pjanta ta' kif ġej Ġnien il-Mall lill-Kunsilliera kollha.

35.5.1.2. Hija qalet li l-proġett tal-ġnien kien għadu ma tlestiex u li l-Kunsill irid jistenna l-eżitu tal-proġett li għandu jkun komplut sal-aħħar tas-sena. Minn hemmhekk imbagħad il-Kunsill ikun jista' jiddiskuti fejn se jsiru l-kaxex ladarba jkun jaf fejn se jkunu r-rampi. Hija kompliet billi assigurat li l-ġnien kien ser ikun aċċessibbli u li kienu se jsiru r-rampi neċessarji.

35.5.1.3. Il-Kunsillier VB qal li l-loġika hija li r-rampi jsiru minn fejn jgħaddu n-nies. Is-Sindku qalet li l-project managers kienu jaraw il-proġett b'mod ħolistiku.

35.5.1.4. Is-Sindku żiedet tgħid li huma kienu ċċirkolaw pjanta lill-Kunsill u s-suġġerimenti kellhom jitressqu qabel għax issa l-proġett kien wasal biex jiġi konkluż u ma kienx hemm alternattivi ħlief li wieħed jistenna u jara kif se jispiċċa l-proġett.

36.5.2. Il-Kunsillier VB għamel riferenza għat-toqob li saru tal-arbli. Huwa qal li kien informat li dawn ma sarux perpendikolari b'konsegwenza li l-arbli jkunu mmejlin.

35.5.2.1. Is-Sindku qalet li din il-materja kienet diġà ġiet diskussa mal-Arċipriet u ma' Mark Ciantar. Hija qalet li ma tafx meta kienu kellmu lill-Kunsillier VB biss sa fejn taf hi, din il-materja kienet ġiet riżolta. L-ASE qal li dawn kienu anke reġgħu inqalgħu biex jiġu drittati u ingħata l-konkos madwarhom.

35.5.2.2. Il-Kunsillier VB qal li l-għotjin kellhom ikunu b'tali mod li meta jiftħuhom ma jinqasmux. L-ASE qal li l-*covers* il-ġodda ma sarux kif kienu qabel iżda għandhom covers li jridu jitneħħew kompletament biex ikunu jistgħu jitpoġġew l-arbli. Qal ukoll li issa għandha tkun responsabbiltà tal-Għaqda tal-Armar li meta jinqalgħu il-*covers* biex jitpoġġew l-arbli, dawn għandhom jintrefgħu f'post sikur biex wara jerġgħu jitpoġġew f'posthom.

36.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għas-sinjal tal-lokalità fi Triq l-Assedju l-Kbir u staqsa kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qalet li s-sinjal kien ordnat u l-amministrazzjoni kienet għadha kif bagħtet tfakkira.

35.5.3.1. Il-Kunsillier JAE propona li jitneħħa l-plastic hemm imwaħħal tal-ġnub sabiex jitneħħa l-periklu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

36.5.4. Il-Kunsillier JAE ressaq suġġeriment mingħand residenti biex jimtlew xi toqob li hemm fil-parkeġġ ta' bejn l-Ambaxxata Torka u l-Awtorità tad-Djar. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

36.5.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal Triq l-Isqof Mauro Caruana biex issir pedonali u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp. Is-Sindku qalet li min-naħa tal-istaff qed ifittex fil-minuti ta' leġislaturi preċedenti sabiex jara x'kien ġie diskuss. Wara dan, kienu ser jiġu avviċinati r-residenti.

36.5.6. Il-Kunsillier JAE staqsa meta se jibda' x-xogħol fuq il-piċċ sintetiku. Is-Sindku nformat li kienet qed tistenna li l-Perit jibgħatilha l-ispeċifikazzjonijiet biex ikun jista' jinħareġ it-tender.

35.5.6.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistgħux jitwaħħlu xi tabelli li jinformaw li x-xogħol ser jibda' dalwaqt. Is-Sindku qalet li t-tabelli li jitwaħħlu dejjem jispiċċaw jinqalgħu bħalma ġara meta twaħħlu t-tabelli għall-użu tal-piċċ. Hija qalet li l-komunikat fil-konferenza stampa u fl-aħbarijiet kellu jkun biżżejjed biex in-nies ikunu nformati li x-xogħol ser isir dalwaqt.

## 36.6 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-LAQGĦAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTOKUMITATI

36.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 36.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI

36.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 25/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

36.7.2. Il-Kunsillier VB staqsa fuq il-pagament tad-Dipartiment tal-Artijiet. L-ASE spjega li din kienet invoice li ntbagħtet issa u li tkopri s-snin 2019-2021, għad-devoluzzjoni ta' Ġnien Vilhena.

35.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier VB u issekondata mill-Kunsillier JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 36.8 TALBA GĦAL CAT SHELTER ĦDEJN L-EX ALLIANCE FRANCAISE TRIQ SAN TUMAS

36.8.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement f'materja nru 36.3.4.

## 36.9 JUM IL-FLORIANA

36.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li l-inviti ta' Jum il-Floriana kienu ntbagħtu.

36.9.2. Is-Sindku qalet li kien ġie suġġerit li l-attività tittella' fiċ-Ċentru Rikreattiv ir-Re Ġorġ V minflok fi Ġnien l-Argotti. Hija kompliet billi qalet li l-attività ser tittella' nhar it-23 ta' Lulju 2021.

36.9.3. Is-Sindku qalet ukoll li kien intbagħat invit lill-għaqdiet kollha fejn kien qed jintalab li jattendi rappreżentant wieħed minħabba ċ-ċirkostanzi. Hija qalet li kienu mistednin ukoll is-sottokumitati kif ukoll in-nominati flimkien ma' mistieden tal-għażla tagħhom.

36.9.4. Is-Sindku nformat li d-data tal-għeluq tan-nominazzjonijiet hija il-5 ta' Lulju 2021.

36.9.5. Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk jevalwax in-nominazzjonijiet waħdu jew le. Minħabba li ma tantx kien fadal żmien u anke minħabba ċ-ċirkostanzi relatati mal-pandemija, il-Kunsill qabel li għandu jiddiskutihom hu f'laqgħa li tinżamm għal hekk.

36.9.6. Fir-rigward tal-bibita li soltu ssir, il-Kunsill qabel li fiċ-ċirkostanzi m'għandu jsir xejn.

## 36.10 PREMJU ĠIEĦ IL-FLORIANA

36.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li kienet qed tipproponi lil Dr Michael Borg, il-Head of Infectious Disease tal-isptar Mater Dei. Hija qalet li huwa mistħoqq li jiġi premjat tabib/professur li mexxa b'mod għaqli din il-pandemija u li jkun jirrappreżenta wkoll il-frontliners li ħadmu bis-sħiħ matul dawn l-aħħar xhur. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 36.11 TALBIET DWAR ATTIVITAJIET

36.11.1. Din il-materja ġiet diskussa preċedentement f'materja nru 36.3.3.

36.11.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għal dawn l-attivitajiet u qal li jkun tajjeb li nitolbu pjanti qabel l-attivitajiet sabiex il-Kunsill ikun kawt u ma jikkontradixxiex lilu nnifsu f'deċiżjonijiet li l-Kunsill ħa fil-passat u fir-regolamenti u kundizzjonijiet li soltu jimxi magħhom.

## 36.12 UPDATE DWAR L-ISKEMA LESA FONDI GĦALL-PROĠETTI FIL-KOMUNITÀ

36.12.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li l-Kunsill kien ibbenefika minn ċirka €25,500 li ser jintużaw għal xiri ta' vettura elettrika.

36.12.2. Hija kompliet billi qalet li issa għandha tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex tkun tista' tinxtara din il-vettura.

36.12.3. Is-Sindku qalet ukoll li l-ASE kien qed jitkellem mal-Community Services sabiex tiġi assenjata persuna mal-Kunsill li tkun xufier ta' din il-vettura.

## 36.13 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

36.13.1. Il-laqgħa intemmet fit-15.05pm u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 28 ta' Lulju 2021 fis-1.30pm.

**Konfermati, illum** ___________________________________

**(iffirmati)** **(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

Malcolm Agius
Aġent Segretarju Eżekuttiv